Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

Data tal-laqgħa: 24 ta' Marzu 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

Ġiet innutata Direttiva 2/2020 – COVID-19 mibgħuta mid-DGL. Din inħarġet bħala gwida fis-sitwazzjoni preżenti sabiex il-KL jibgħqu joffru s-servizzi tagħhom filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-kunsilliera, il-ħaddiema u l-pubblika.

<u>Punt 4 – Laqgħat tal-Kunsill</u>
Il-Kunsilli qed jiġu eżentati milli jxandru il-laqgħa fuq *live stream* u milli tkun disponibbli *on-demand*. Apparti minn hekk, il-laqgħa m'għandix tkun miftuħa għall-pubbliku, mhux se jkun mandatorju li l-laqgħa issir fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill u tista' ssir kif jaqbel il-Kunsill inkluż li tista' ssir b'xi mezz *online*.

F'dan ir-rigward, u fid-dawl tas-sitwazzjoni, is-Sindku ppropona li fil-laqgħa tal-lum jiġu diskussi l-materji ta' natura urġenti biss, dan sabiex il-laqgħa ma tieħux fit-tul. Il-Kunsill unanimament approva u kien hemm qbil li *items* 12.7, 12.8, 12.10, 12.11, 12.12 jiġu sospiżi u ser jiġu diskussi f'laqgħat futuri. Kien hemm qbil ukoll biex, għalissa, sakemm jinħarġu Direttivi oħra, il-laqgħat tal-Kunsill ma jibqgħux isiru fl-uffiċċju amministrattiv, imma jsiru arranġamenti biex isiru permezz ta' mezzi *online.*

Il-laqgħa tal-lum ma ġietx imxandra *online.*

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 11. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

12.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 12.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

12.3.1 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.4.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku.

## 12.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

12.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

12.6.1.1 <u>Rapport Amministrattiv għas-sena 2019</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2019. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

12.6.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 12.7 Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla

12.7.1 Kif approvat fil-bidu tal-laqgħa, dan l-*item* qed jiġi sospiż u ser jiġi diskuss f'laqgħat futuri.

## 12.8 Tisbiħ tal-*Playing field*

12.8.1 Kif approvat fil-bidu tal-laqgħa, dan l-*item* qed jiġi sospiż u ser jiġi diskuss f'laqgħat futuri.

## 12.9 Ġemellaġġi

12.9.1 B'referenza għall-istedina milll-komun ta' Dörgicse fl-Ungerija għall-programm ta' ħamest –ijiem (bejn l-10 u l-14 ta' Ġunju 2020) bħala l-ewwel stadju għall-programm ta' ġemellaġġ,

12.9.2 Il-Kunsill huwa interessat li jieħu sehem, però minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19 u minħabba li t-titjiriet lejn pajjiżna kollha huma sospiżi, għalissa ma nistgħux nikkonfermaw l-attendenza tagħna. Il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu ladarba tkun ikkalmat is-sitwazzjoni u l-Awtoritajiet jassiguraw li m'għadx hemm riskju li tivvjaġġa barra mill-pajjiż.

12.9.3 Is-SE ser tikkomunika l-pożizzjoni tal-Kunsill lill-komun ta' Dörgicse.

## 12.10 Fondi tal-UE

12.10.1 Kif approvat fil-bidu tal-laqgħa, dan l-*item* qed jiġi sospiż u ser jiġi diskuss f'laqgħat futuri.

## 12.11 *Active Ageing Sessions*

12.11.1 Kif approvat fil-bidu tal-laqgħa, dan l-*item* qed jiġi sospiż u ser jiġi diskuss f'laqgħat futuri.

## 12.12 *Sports Day*

12.12.1 Kif approvat fil-bidu tal-laqgħa, dan l-*item* qed jiġi sospiż u ser jiġi diskuss f'laqgħat futuri.

## 12.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

12.13.1 Laqgħa tal-Lokalità
Is-SE infurmat li minħabba s-sitwazzjoni preżenti, permezz ta' Direttiva 02/2020, il-Kunsilli Lokali qed ikunu eżentati mill-obbligu legali (li ssir laqgħa annwali sa mhux aktar tard mill-15 ta' April) u għalhekk il-Kunsill m'għandux jorganizza din il-laqgħa.

12.13.2.1 Disponiment ta' Assi tal-Kunsill
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta' Assi tal-Kunsill li ser jiġi mneħħi minn fuq l-inventarju.

12.13.2.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidhru fuq il-lista annessa (Dok 1) billi jintremew.

12.13.3 Kwotazzjonijet għas-servizz ta' DPO
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għas-servizz ta' DPO għal perjodu ta' sena. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas kwotazzjoni tas-Sur Adrian Mifsud, f'isem BOOM Consultancy & Advisory Services.

12.13.4.1 Petizzjoni fuq it-tneħħija tal-i*sleeping policeman* fi Triq Ġuże' Bonnici
Numru ta' residenti minn Triq Ġuże' Bonnici ressqu petizzjoni fuq l-i*sleeping policeman* li tneħħiet mill-istess triq peress li vetturi qed jgħaddu b'veloċità eċċessiva. Din tneħħiet peress li residenti ma rieduhiex quddiemhom minħabba storbju u kienet qed iżżomm l-ilma meta tagħmel ix-xita.

12.13.4.2 Is-SE infurmat li, fil-laqgħa preċedenti kien hemm qbil li terġa' teħel fil-parti ta' bejn iż-*zebra cross* u k/m Triq Dun Spir Sammut. Però dan mhux possibbli peress li fuq il-*paving blocks* tinqala'.

12.13.4.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nitolbu lir-residenti sabiex jindikaw fejn qed jissuġġerixxu li terġa' teħel (mhux fil-parti bil-*paving blocks).* Apparti minn hekk, ir-residenti għandhom iġibu kunsens bil-miktub mir-residenti tal-madwar li qed jaċċettaw l-i*sleeping policeman* quddiemhom. Jekk wieħed jassumi li fejn qed jiġi propost li ssir hemm djar, ikun hemm bżonn li jinkiseb il-kunsens minn 6 residenzi. Dan għaliex *sleeping policeman* toħloq *noise pollution*. Dan skont il-*policy* li għaddha l-Kunsill f'Ottubru 2019.

12.13.5.1 <u>Applikazzjoni ta' żvilupp – PA/01327/20 - 55/56, Triq il-Kbira k/m Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira</u>
Il-Kunsill innota applikazzjoni ta' żvilupp PA/01327/20 - *Proposed demolition to existing building (retaining existing facades) and to construct ground floor garage and overlying bedroom/study room interconnecting to adjacent dwelling. Proposal to also include restoration works on facade.* Residenta qed titlob li l-Kunsill joġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

12.13.5.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li m'għandux oġġezzjoni bil-kundizzjoni li għandu jsir dak kollu possibbli biex tiġi salvagwardjata u tinżamm il-faċċata.

12.13.6.1 <u>Applikazzjoni ta' żvilupp – PA/01556/20 – 6, Triq Wigi Ebejer k/m Triq l-Annunzjata</u>
Il-Kunsill innota applikazzjoni ta' żvilupp PA/01556/20 – *Proposed alterations and extension to existing building, retaining facade and internal features. Application include the subdivision into two separate units.* Resident qed titlob li l-Kunsill joġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

12.13.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li la darba l-iżvilupp jikkonsisti f'żewġ sulari u *washroom* u se tkun maqsuma f'żewġ *units* biss, m'għandux joġġezzjona.

12.13.7 <u>Xiri ta' *laptop*</u>
Il-Kunsill ġie nfurmat lid-DGL taw struzzjonijiet biex il-Kunsill jixtri *laptop* sabiex ikun jista' jintuża mis-SE b'mod uffiċjali u tiżdied il-mobbiltà. Is-SE infurmat li qed iġġib kwotazzjonijiet u l-Kunsill qabel li tmexxi bl-irħas offerta.

## 12.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.14.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 03/20, li tinkludi l-ammont ta' €81.74c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2020.

12.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 12.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.15.1 Il-laqgħa ntemmet fil-4.40pm.

12.15.2 Sakemm ma jkunx hemm Direttivi ġodda, il-laqgħa li jmiss se ssir b'mezzi *online* nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 28 ta' April 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |